



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 25 ta' Ġunju 2007(26.06)
(OR. en)**

**11177/07
COR 1**

CONCL 2

CORRIGENDUM GĦAN-NOTA TA' TIFSIR

minn:	Il-Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSEL 21/22 TA' ĠUNJU 2007

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

L-ANNESS 1 tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza huwa kkoreġut kif ġej:

Fil-paġna 15, it-titolu: "ABBOZZ TA' MANDAT TAL-KIG" huwa sostitwit bi "MANDAT TAL-KIG"

Fil-paġna 16, in-nota 1 ta' qiegħ il-paġna, l-aħħar sentenza: "... (dok. 580/07)..." hija sostitwita bi "... (dok. 11197/07)..."

Fil-paġna 18, il-paragrafu 13 għandu jaqra kif ġej:

"13. Is-sistema ta' votazzjoni ta' maġġoranza doppja, kif miftiehma fil-KIG ta' l-2004, ser tiegħu effett fl-1 ta' Novembru 2014, sa liema data s-sistema preżenti ta' maġġoranza kwalifikata (Artikolu 205(2) TKE) ser tibqa' tapplika. Wara dak, matul perijodu transitorju sal-31 ta' Marzu 2017, meta deċiżjoni għandha tiġi adottata b'maġġoranza kwalifikata, membru tal-Kunsill jista' jitlob li d-deċiżjoni tittieħed skond il-maġġoranza kwalifikata kif definit fl-Artikolu 205(2) tat-TKE preżenti.

Barra minn hekk, sal-31 ta' Marzu 2017, jekk membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw mill-inqas 75% tal-popolazzjoni, jew mill-inqas 75% tan-numru ta' l-Istati Membri meħtieġ biex jikkostitwixxi minoranza li timblokka kif previst fl-Artikolu [I-25(1) **l-ewwel subparagrafu**] jindikaw l-oppożizzjoni tagħhom li l-Kunsill jadotta att b'maġġoranza kwalifikata, il-mekkaniżmu previst fl-abbozz tad-Deċiżjoni li jinsab fid-Dikjarazzjoni nru 5 annessa għall-Att Finali tal-KIG ta' l-2004 **ser japplika**. Sa mill-1 ta' April 2017, sek japplika l-istess mekkaniżmu, bil-persentaġġi rilevanti jkunu, rispettivament, mill-inqas 55% tal-popolazzjoni jew mill-inqas 55% tan-numru ta' l-Istati Membri meħtieġa biex jikkostitwixxu minoranza li timblokka kif previst fl-Artikolu [I-25(1) **l-ewwel subparagrafu**]."

Fil-paġna 25, in-nota 17 ta' qiegħ il-paġna: titħassar l-aħħar sentenza "Żewġ delegazzjonijiet ... f'dan il-Protokoll."

Fil-paġna 25, in-nota 20 ta' qiegħ il-paġna għandha taqra: "Żewġ delegazzjonijiet irriżervaw id-dritt tagħhom li jingħaqdu fil-Protokoll **imsemmi fin-nota 19 ta' qiegħ il-paġna**."

Fil-paġna 25, in-nota 21 ta' qiegħ il-paġna għandha taqra: "**Jiġifieri** l-verżjoni tal-Karta ..."

Fil-paġna 29, il-Punt 2(c), it-tieni inċiż, l-ewwel linja: sostituzzjoni ta' "... mill-inqas terz ta' l-Istati Membri ..." bi "mill-inqas **2** Stati Membri ..."

Fil-paġna 29, il-Punt 2(d), l-ewwel u t-tieni inċiżi, l-ewwel linji: sostituzzjoni ta' "... mill-inqas terz ta' l-Istati Membri ..." bi "mill-inqas **2** Stati Membri ..."